**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 167. 169. 183, 184, 308, 309, 310**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
**v**

**KENNETH MALLIA MILANES**

**Seduta ta' llum, 26 ta' Settembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KENNETH MALLIA MILANES** ta' tnejn u tletin sena, bin Victor u Mary nee Attard, imwieled Attar u residenti Flat 3, Sacred Heart Flats, Triq il-Qawra, Qawra, detentur tal-karta tal-identita numru 279869 M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fid-disa ta' Dicembru, 1999 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe` cancellation of regulation 25, illi meta jigu ipprezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew mill-bank, jew

stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli xjentement ghamel uzu minnhom.

Talli fl-istess zmien u lok ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe` cancellation of regulation 25, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

U aktar talli fl-istess zmien u lok , b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalfiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qlieh, qerq ta' aktar minn hames mitt lira ghad-dannu ta' U.C.I.M. Limited u persuni ohra.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tlettax ta' Mejju, 2002 esibit fl-atti tal-process markat bhala dokument CSH 02 fejn l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri u cioe` fil-gurnata tal-ezami li sar skond l-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar il-hamsa ta' Settembru, 2002.

Semghet lil Marcelle Avellino, rappresentant tas-socjeta` U.C.I.M. Limited jghid fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin ta' Settembru, 2002 illi l-imputat m'ghandux aktar pendenzi mas-socjeta` minnu rappresentata peress li hallas il-bilanc ta' hames mija erbgha u disghin lira Maltin (LM 594) dovuti lilha.

Ezaminat bir-reqqa l-istqarrija tal-imputat esebita fl-atti u mmarkata bhala dokument CSH 3 mehuda nhar l-erbgha ta' Mejju, 2002 minn fejn jirrizulta l-koperazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-proceduri odjerni.

Rat ic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz.

Ikkunsidrat:

Illi a bazi tal-ammissjoni volontarja tal-imputat il-Qorti m'ghandix triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif addebitat fil-konfront tieghu.

Rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` 167, 169, 183, 184, 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija jimmeritaw konsiderazzjoni fl-ghoti ta' piena, il-Qorti mhix ta' fehema li ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-piena karcerarja u thoss illi fic-cirkostanzi l-piena idonea hija dik ta' multa.

**Konsegwentement il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (LM 350) u bl-applikazzjoni tal-artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta taghti fakulta` lill-imputat ihallas din il-multa f'tlett pagamenti mensili u konsekuttivi , l-ewwel zewg pagamenti fl-ammont ta' mija u ghaxar liri Maltin (LM 110) il-wiehed waqt li t-tielet pagament ikun ta' mija u tletin lira Maltin (LM 130). L-ewwel**

**pagament huwa dovut sa mhux aktar tard mill-hamsa u ghoxrin ta' Ottubru, 2002.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**